KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 08_16/09/09 VI**

# MINUTI TAT-TMIEN SEDUTA

**It-tmien seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **16 ta' Settembru 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti**:

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Kunsilliera:** | **Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Patrick Pace** |

**Skużati**:

| | |
|---|---|
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Nicolai Gauci** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fis-6 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 06_19/08/09 07 Ad hoc_7/09/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Approvazzjoni tal-quarterly report u financial indicator report – April sa Ġunju 2009
7. Aġġudikazzjoni tat-tender – *EU Funding Services*
8. Affarijiet Oħra

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 06_19/08/09 u 7 Ad hoc_ 7/09/09.**

1.1 Il-kunsillier C. Engerer ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 06_19/08/09 filwaqt li s-sindku N. Dimech issekondah. Il-kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsillier Y. B. Cali astjena minħabba li ma kienx preżenti. Il-minuti ġew approvati.

1.2 Kien hemm korrezzjoni fil-minuti tas-seduta 7Ad hoc_7/09/09 li l-kunsillier N. Gauci ried jiġi mmarkat bħala skużat mhux preżenti. Il-kunsillier B. Cali ippropona li jiġu approvati l-minuti hekk kif korretti filwaqt li s-sindku N. Dimech issekondah. Il-kunsilliera E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsilliera S. Camilleri astjeniet. Il-minuti ġew approvati.

**2. Materji konnessi mal-minuti.**

2.1 Is-sindku N. Dimech informa lill-kunsilliera preżenti li l-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali qiegħed joffri s-somma ta' Euro 10,000 biex jissarfu f'xogħol f'Tas-Sliema minflok dawk l-*street furniture* li kien hemm fi Triq it-Torri in-naħa ta' Triq il-Kbira. Is-sindku staqsa jekk il-kunsill jaqbilx li dawn il-flus jissarfu f'bankijiet tal-*granite*. Il-kunsilliera E. Cushieri u M. Debono qalu li jkun tajjeb kieku l-kunsill jara d-diżinn u l-materjal minn qabel ma jitpoġġew. Is-sindku informa li dawn il-bankijiet ikunu jistgħu jinqalgħu u mhux jitkissru f'każ ta' bżonn. Madankollu l-kunsilliera preżenti qablu ma' dan il-kunċett.

2.2 Il-kunsillier P. Pace staqsa jekk tistax tinbidel il-ġurnata tal-laqgħa tal-kunsill għaliex kull darba li jkun imissu xogħol qiegħed jitnaqqslu mil-leave jew mis-salarju tiegħu. Is-sindku staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk jistax isir tibdil fil-ġurnata iżda l-kunsilliera S. Camillieri qalet li tista biss kull nhar ta' Erbgħa. Sadanittant il-kunsillier C. Engerer qal li preżentament ukoll qiegħed ikollu xi problemi ma' tax-xogħol fejn hu wkoll tnaqqasslu mil-paga minħabba xi laqgħat li kellu relatati mal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu li jagħtu support meħtieġ lil dawn iż-żewġ kunsilliera. Il-kunsill għandu jikteb ittra lill-Onorevoli C. Said, lill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jiġu mgħarfa dwar dan u tittieħed azzjoni meħtieġa.

2.3 Is-sindku N. Dimech qal li avviċinawh xi nies fejn irringrazzjaw lill-kunsill dwar l-istqarrija għall-istampa li ħarġet fuq il-proġett tal-MIDI.

2.4 Is-sindku N. Dimech u s-segretarju eżekuttiv fakkru lill-kunsilliera dwar l-Appell li l-kunsill kien fetaħ kontra l-iżvilupp ta' Fort Cambridge, kien se jsir il-Ġimgħa, biex min jista jattendi. Fuq dan il-punt il-kunsilliera S. Camilleri qalet li l-ħinijiet tal-laqgħat speċjalment dawk ta' nofs in-nhar, relatati mal-kunsill qegħdin ikunu f'ħinijiet inkonvenjenti għalija. Is-sindku N. Dimech qal li wieħed irid japprezza li kulħadd għandu l-impenji tiegħu u diffiċli li jkun jista jiġi kulħadd. Il-kunsillier J. Galea qal ukoll li fil-kunsill hemm ħdax il-persuna li impossibbli li kulħadd ikun jista dejjem, fejn bħala tim daqqa jista jattendi wieħed u daqqa xi ħadd ieħor. Madankollu s-sindku staqsa lill-kunsilliera jekk kienx hemm xi ħadd li xtaq ibiddel il-ħinijiet iżda kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu.

*Il-kunsillier P. Pace ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.25pm*

Is-sindku talab li (*item* 6) ta' l-Agenda tiġi diskussa qabel. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

**6. Approvazzjoni tal-*quarterly report* u *financial indicator report* – April sa Ġunju 2009**

6.1 L-*Accountant* tal-kunsill C. Vella irrefera għar-rapport tal-*financial indicator* u qal li l-kunsill għalaq f'pożizzjoni tajba ta' 50%.

6.2 Is-sindku qali li malli jkollna l-approvazzjoni dawn il-flus jintefqu fil-proġett tax-Xatt.

6.3 L-*accountant* tal-kunsill qal li għalkemm il-kunsill spiċċa bil-bilanċ tajjeb, wieħed irid joqgħod attent għaliex id-dħul naqqas drastikament minn April 2009 rigward permessi maħruġa, minn bejn Ewro 15,000 u Ewro 20,000 niżżel għal bejn Ewro 1,500 u Ewro 2,000.

6.4 Is-sindku N. Dimech fakkar ukoll li l-kunsill se jkollu iżjed dħul anke bl-għajnuna tas-segretarju eżekuttiv li jinkludu Ewro 42, 000 ta' fondi speċjali għat-tindif extra tas-sajf, Ewro 14,000 għal *playing field* mill-*UIF Funding* u Ewro 10,000 li ingħataw għas-*solar panelling.*

6.5 Il-kunsill ġie infurmat li l-proġett li jkun imiss wara dak tax-Xatt jaf ikun aktar diffiċli biex isir minħabba l-finanzi.

6.6 Il-kunsillier M. Debono staqsa dwar *ring fencing.* L-*accountant* qal li din mhiex problema għall-kunsll għaliex il-finanzi huma relatati ma' l-indafa u manutenzjoni tat-toroq. l-*accountant* qal ukoll li s'issa d-definizjoni tar-*ring fencing* mhijiex dettaljata kif suppost.

6.7 L-*accountant* informa lill-kunsilliera preżenti li hemm bżonn li l-*budget* għandu jerġa jiġi rivedut minħabba li l-*budget* ġie kkalkullat fuq l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena ta' qabel u huwa importanti li jitressaq b'mod rivedut għal seduta oħra minħabba li jista jkun hemm xi varjazzjoni.

6.8 l-*accountant* informa wkoll li l-bilanċi ma' Polidano Bros ġew solvuti u fadal biss ir-*retention fees* ta' l-aħħar xogħlijiet li saru.

6.9 Il-kunsilliera preżenti approvaw ir-rapporti finanzjarji bi qbil unanimu.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**

3.1 Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li l-*MC bay* li hemm minn Triq Annunzjata ma' San Lawrenz issir iżgħar u jitwal id-*double yellow line.* Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.2 Is-sindku N. Dimech issuġġerixxa li għandna nneħħu biċċa mil-*parking bay* li hemm fi Triq Borg Olivier ma' Triq il-Kbira u jitwal id-*double yellow line.*

3.3 Korrispondenza mill-kunsilliera S. Camilleri biex isiru *sleeping policemen* fi Triq Sant'

Antnin kif ukoll fi Triq Hughes Hallett. Il-kunsill qabel ma dan.

3.4 Korrispondenza mis-sinjura A. Vella fejn talbet lill-kunsill biex joġġezzjona dwar il-proġett fi Triq it-Torri ma Triq Għar id-Dud PA 5957/00. Il-kunsilliera preżenti qalu li issa ma jista jsir xejn minħabba li l-permess ilu li ħareġ.

3.5 Il-kunsill ġie infurmat li se jkun hemm DCC bord dwar Villa Degorgio nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru, 2009.

3.6 Is-segretarju eżekuttiv informa li hemm talba mill-Plaza biex jitpoġġa *tower crane*. Il-kunsill preċedenti kien qabel li ma jinħarġux permessi qabel ma toħroġx ir-riforma dwar it-*tower cranes*. Madankollu l-kunsill ġie infurmat li dan lest li jħallas bit-2.33 ewro kuljum għal kull metru kwadru sakemm tinħareġ ir-riforma l-ġdida. Ġie nnotat li l-pożizzjoni tat-*tower crane* bilfors irid jiġi armat quddiem il-Plaza għaliex il-Metropole ma tridux quddiem il-ħanut tagħha. Il-kunsill staqsa jekk hux bilfors irid jitpoġġa *tower crane* biex isir dan ix-xogħol. Il-kunsill ġie infurmat li l-MEPA tagħat permess biex jitwaqqgħu tliet sulari u jinbnew ħamsa. Il-kunsillier M. Debono qal li l-kunsill irid joqgħod attent biex ma jkunx responsabbli f'każ li jinqala xi inċident. Il-kunsillier M. Debono qal li hemm bżonn li dawn ikollhom *insurance* u ninfurmaw il-*Health and Safety*. Is-segretarju eżekuttiv qal li filfatt kienet se ssir laqgħa ta' koordinazzjoni fejn jiġu msejjħa l-entitatjiet kollha involuti.

3.7 l-kunsill qabel li għandha titranġa l-*bus stop* fi Triq San Ġakbu.

3.8 Kien hemm talba li jiżdiedu iktar *litter bins* partikolarment minħabba l-fatt li hemm min qiegħed jużhom għal basktijiet tal-iskart. Il-kunsill qabel li għandu jagħmel żewġ bins b'ħadida n-naħa ta' fuq bħala prova fi Triq Dingli.

3.9 Il-kunsill ma laqax it-talba għal *reserved parking* bin-numru 148 tar-referenza fi Triq Beresford

3.10 Talba mis-Sur C. Poulton biex isir *embellishement* fi Triq San Frangisk quddiem *Newark School*. Il-kunsill qal li għalissa mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan.

3.11 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera bir-rapport li jkellu jsir mill-perit tal-kunsill dwar l-istima ta' *culvert* fi Triq San Vinċenz. Il-kunsill ra li l-istima hija għolja u se jinżlu s-sindku N. Dimech u l-kunsilliera B. Cali u M. Debono fuq il-post ħalli jaraw kif tista tissolva mod ieħor.

3.12 Il-kunsillier M. Debono qal li l-kunsill għandu jiċċekkja l-parking bay li hemm fi Triq Annunzjata ma' Triq Castelletti, jekk għandiex tiġi rranġata minħabba l-fatt li l-karozzi ma jkunux jistgħu jduru.

3.13 Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li għandha ssir *sleeping policeman* fi Triq San Vinċenz. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.14 Is-sindku N. Dimech qal li għandha ssir *sleeping policemen* ukoll fl-aħħar biċċa ta' Triq Annunzjata qabel Triq San Pawl.

3.15 Il-kunsill laqgħa t-talba tal-ħaddiem F. Debono li jibqa jaħdem mal-kunsill anke wara li jagħlaq il-61 sena.

3.16 Is-sindku fakkar lill-kunsilliera preżenti li kien intbagħat kopja tal-ktejjeb għall-

informazzjoni tal-kunsilliera kollha biex ikun jista jintbagħat lill-pubbliku konċernat biex tiġi evitata informazzjoni miskoretta. Il-kunsill għandu jsejjaħ għal talba ta' l-offerti biex jiġi stampat dan il-booklet.

3.17 Waqt din is-seduta punt 6.3 il-kunsilliera ġew infurmati dwar il-fondi tal-*UIF Funding* li se jingħataw għall-proġett tas-*Sliema Playing Field* għall-ammont ta' Ewro 14,000. Il-kunsill għandu jibda bil-proċess tat-*tender.*

*Il-kunsillier C. Engerer ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8pm.*

3.18 Il-kunsilliera S. Camilleri qalgħet li hemm bżonn jerġa jibda jingħata s-servizz tat-trasport pubbliku permezz tar-rotta numru 63. Il-kunsill għandu jerġa jistaqsi lill-ADT.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsillier M. Debono ippropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10529 sa 10582. Il-kunsillier J. Galea issekondah. Is-sindku N. Dimech, il-kunsilliera B. Cali, S. Camilleri u E. Cuschieri, ivvotaw favur.

**4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

4.1 Il-kunsillier J. Galea ippropona li l-kunsill għandu jiltaqa ma' *Sliema Residents Association.* Il-kunsill ma qabilx ma dan minħabba l-fatt li din mhiex assoċjazzjoni reġistrata. Is-Sindku N Dimech qal li jekk iridu li jimxi id f'id mal-kunsill ikun lesti jirtiraw dak il-messaġġ negattiv li nkiteb fil-gazzetta.

4.2 Il-kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn isir ta' *culvert* fi Triq Rudolfu quddiem Osanna Pia Hostel. Il-kunsilliera M. Debono u J. Galea għandhom jinżlu fuq il-post.

4.3 Talba mis-Sinjura M. Jervis biex isir parkeġġ għal persuni b'diżabilta fix-Xatt quddiem *Marks and Spencer.* Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan u għandu jitlob lil-ADT.

4.4 Il-kunsilliera ġew infurmati b'ittra mir-residenti ta' Triq it-Torri fejn ilmentaw li kien hemm l-istorbju waqt l-attivitajiet li saru fil-Ġnien Indipendenza.

4.5 Il-kunsillier E. Cuschieri qal li hemm bżonn isir ta' *patching* urġenti ix-Xatt ma' Triq San Piju V.

4.6 Il-kunsillier E. Cuschieri qal li hemm bżonn issir ta' *zebra crossing* fi Triq Dingli n-naħa ta' fuq. Is-segretarju eżekuttiv informa li meta li l-kunsill kien diġa talab għal dan ma kienitx ġiet approvata mil-ADT.

4.7 Il-kunsillier E. Cuschieri issuġġerixxa li hemm bżonn issir *sleeping policeman* fi Triq San Trofimu qabel ma toħroġ għal Triq San Piju V, kif ukoll għandha bżonn titwaħħal mera. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

4.8 Il-kunsillier E. Cushieri staqsa għalfejn Triq San Piju ma saritx kollha. Il-kunsill infurmah li dak sar mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

4.9 Il-kunsillier M. Debono qal li hemm bżonn ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex jirranġa l-

pots ta' Triq Dingli minħabba li suppost m'għadiex utli issa li s-siġar kibru.

4.10 Il-kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn issir il-bankina kollha ta' quddiem l-għassa tal-pulizija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**6. Aġġudikazzjoni tat-tender – EU Funding Services**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**7. Affarijiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra

Is-seduta ntemmet fit-8.30pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Ottubru, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**